MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2174/2003

**Raymond Bonnici – I.D. 291183 (M)**

**Vs**

**Brian Calleja – I.D. 298773 (M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm244.84c (mitejn u erbgha w erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu) rapprezentanti hsarat u danni sofferti mill-attur konsegwenti ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta’ Jannar, 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm244.84c (mitejn u erbgha w erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------